MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2012

Numru 845/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs.**

**Francel Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Francel Scerri ta’ erbgha u ghoxrin (24) sena, iben il-mejjet Joseph u Maria Theresa nee’ Sciberras, imwieled il-Pieta’ nhar il-14 ta’ Frar 1988, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 110988M u residenti gewwa Blk 1, Flat 5, Triq San Filippu, Birgu, akkuzat talli:

1. Nhar is-17 a’ Awwissu 2012, gewwa l-fond 39, St. Anthony, Triq Santa Skolastika, Birgu ikkommetta serq ta’ zewg laptops tad-ditta ‘Apple’, ghad-detriment ta’

Rebecca Eclelia Isadora Cremonu, John Peter Hoisaeter u.jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), kif ukoll bil-lok.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika ukoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artiklu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.
Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtha zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat (li jirrizulta li hija wahda nadifa), dak li wassal lill-imputat jikkometti r-reati addebitati lilu (u dana minhabba li kellu

problema ta’ droga li wasslitu ghal problema ohra, cioé dik finanzjarja), il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, u l-fatt li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirrigwardaw serq ta’ zewg *laptops*, liema zewg *laptops* gew ritornati lill-proprjetarji taghhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), 261(e), 267 u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Francel Scerri taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Francel Scerri bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li tieghu nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Francel Scerri.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kundannat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in vista tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur rigward tali talba u in vista tal-fatt li tali talba ma gietx sostanzjata, tichad it-talba.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jinhareg ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti hija tal-fehma li din m’ghandhiex tintlaqa’ *stante* li ma jirrizultax li jezistu ragunijiet bizzejjed ghal tali hrug ta’ ordni, pero b’applikazzjoni ta’ Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta’ Rebecca Eclelia Isadora Cremonu u John Peter Hoisaeter.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------